Fuljett ta' kull xahar




Volum 27
Ħarġa 02
Frar 2025

Ħbieb, dan ix-xahar huwa l-aktar magħruf għal jum il-maħbubin u jibda wkoll il-Karnival. Imma huwa magħruf ukoll għall-festa ta' San Pawl. F'dan il-fuljett se ssibu ftit tagħrif dwar dan il-qaddis. Dan il-bniedem kien jippersegwita lill-insara kull fejn ikun. Ġrat bidla f'ħajtu u biddel ir-rotta. Bidla għall-aħjar. ***Illum fittixt fuq dan Sawlu jew San Pawl.*** Dan ix-xahar kitba differenti. Kitba nisranija.

**Silta mis-sit tagħrif dwar il-qaddisin:** Fl-10 ta' Frar, kull sena, fil-gżejjer tagħna, u kull fejn hemm il-Maltin, tiġi ċċelebrata l-festa ta' San Pawl – Patrun ta' Malta. Din hija ġrajja ta' importanza ewlenija fl-istorja ta' pajjiżna. Huwa l-jum tal-Magħmudija ta' Malta għax kienet dik iċ-ċirkustanza li fiha missirijietna semgħu għall-ewwel darba bl-aħbar it-tajba ta' Sidna Ġesù Kristu, ftit snin biss wara t-tlugħ fis-sema ta' Ġesù.

Meta San Pawl kien fi vjaġġ fuq il-baħar fi triqtu lejn Ruma bħala priġunier biex il-kawża tiegħu tinstema' quddiem Ċesari, Alla, fil-providenza tiegħu tal-għaġeb, għoġbu li dan l-appostlu jara n-nawfraġju biex jiġi hawn Malta. Il-kliem li San Pawl qal lil sħabu wara li deherlu l-anġlu meta t-tempesta kienet fl-eqqel tagħha: "jeħtieġ li naħbtu ma' gżira" (Atti 27, 26) bilfors jagħtina x'naħsbu li Alla kellu ħsibijiet kbar fuq Malta meta riedu li f'dawk iċ-ċirkustanzi jasal fostna l-Appostlu tal-Ġnus.

San Luqa, fl-Atti, isemmi l-laqgħa sabiħa li missirijietna għamlu lill-appostlu u lil sħabu. B'kollox 276 ruħ. Bla dubju, tul it-tliet xhur li dam fostna, San Pawl xandar it-twemmin fi Kristu Ġesù, li kien għadu kif miet u rxoxta inqas minn 30 sena qabel. Ix-xandir ta' Pawlu, kif ukoll il-mirakli li għamel, kellhom effett kbir fuq il-poplu Malti ta' dak iż-żmien tant li aċċetta d-don tal-fidi li, bi grazzja speċjali ta' Alla, baqgħet nieżla minn ġenerazzjoni għall-oħra sal-ġurnata tal-lum. Hu emmnut li, kif kien soltu jagħmel San Pawl f'kull pajjiż li jżur, huwa waqqaf il-Knisja fuq artna u anki taha, skont it-tradizzjoni, l-ewwel isqof tagħha fil-persuna ta' Publiju, il-prinċep tal-gżira.

Din hi l-ikbar festa tagħna l-Maltin, bħala Maltin Insara. Biha nuru kemm aħna kburin li nissejħu "Ulied San Pawl."

*Ikompli f'paġna 2*

***Attivitajiet Frar 2025***

**Is- 7 ta' Frar 2025-**Laqgħa mal-Għaqda tal-Għomja-Project House 20.00

**L-14 ta' Frar 2025-**Joseph Farrugia se jkellimna fuq l-Inkwiżizzjoni f'Malta

Project House 20.00

**Il 21 ta' Frar 2025-**Herbs for Self Healing ma' Joyce Muscat-

Project House 20.00

**It 28 ta' Frar 2025-**Birthay Celebrations, buffett ġewwa 'Ir-Razzett l-Antik'

Qormi-20.00. Booking permezz ta' Revolut għand Maureen Tarpey

79895387-Prezz 26€. Se jkollna tazza nbid jew drink mal-prezz.

Rakkonti kemm trid. Meta kien il-Kanada, Joey, ħadem fuq it-trains u minn kollox kien jara u jsib. Charlie u Manwel kienu jirrakkontaw fuq in-nies li jaħdmu mal-Gvern, xi tibdil fil-pensjoni, imsomma ma kinux jieqfu u spiss tismagħhom jidħqu. Kienu hemm bħas-soltu, u kien sar ftit tal-ħin sewwa, bit-turisti ġejjin u ħerġin il-ħin kollu. Grupp ta' tfajliet resqu fuq Pawlu, li f'dil-ġurnata inzerta kien hemm u talbuh joħdilhom ritratt. Pawlu qam, ħadilhom il-mobile u beda joħdilhom ir-ritratti. It-tlieta l-oħra m'għandniex xi ngħidu. Għall-ewwel ma qalux kelma. Baqgħu jiċċassaw lejn din ix-xena. Imma kif raw lit-tfajliet jiġbduh u jaqbduh labranzetta magħhom biex jieħdu selfie miegħu, ma felħux iżjed.

"Ejja Pawl, sa fl-aħħar se tagħmilha!", "Liema waħda se tagħżel minnhom?" u kulħadd jidħaq kemm jiflaħ. Bit-tfajliet b'kollox, li ndunaw biċ-ċajt ta' sħabu, u biex ikomplu, qabel telqu, waħda minnhom għannqitu waħda sew u bisitu. Telqu jiġru biex jilħqu l-grupp tagħhom, u tista' taħseb xħin poġġa Pawlu bilqiegħda ħdejn sħabu kemm taptpulu fuq spallejh. Pawlu b'dik it-tbissima ħelwa, ixengel rasu mingħajr ma jgħid kelma.

"Iva Pawl għidilna xi ħaga", qalulu!
"U xi tridni ngħidilkom! Ħaqq! Mhux bħas-soltu dejjem ngħidilkom jien! No woman, no cry!"

***Tanya Debono-Diċembru 2024***

***Chairperson: Victor Galea– 99899072- Secretary: Charlotte Camilleri 99899751 -Email-info@minusone.eu***

Fis-sena 60, meta sar in-Nawfraġju, il-ftit eluf ta' Maltin kienu pagani, jaduraw ix-xemx, il-qamar u allat foloz. Kien San Pawl li tahom it-twemmin f'Alla Wieħed, Veru u Ħaj, u f'Ġesù Kristu Msallab, is-Salvatur tal-bnedmin. Dan it-twemmin, missirijietna għaddewh lilna bla mittiefes, minn ġenerazzjoni għall-oħra. Jalla aħna wkoll, bl-istess mod, ngħadduh lil uliedna u lill-ulied uliedna. Huwa tassew xieraq li aħna l-Maltin kull sena nfakkru l-ġrajja ta' dan in-nawfraġju u fl-istess ħin nagħmlu Festa Solenni 'l San Pawl bħala l-Missier tagħna l-Insara Maltin. In-nawfraġju ta' San Pawl hu t-titular ta' waħda mill-parroċċi tal-Belt Valletta, kif ukoll dik tal-Munxar ġewwa Għawdex.

__**Ħsieb**__**:** Il-Knisja f'Malta trodd ħajr lill-Mulej għaliex sejħilna mid-dlamijiet tad-dnub u mid-dell tal-mewt li fihom konna qed ngħixu, u daħħalna fid-dawl tiegħu tal-għaġeb meta bagħtilna lill-appostlu tiegħu jxandrilna l-bxara t-tajba tal-Evanġelu. Kif kien xieraq, il-Knisja f'Malta tfakkar dan il-jum providenzjali bħala **festa kmandata (10 ta' Frar)**, u għalhekk f'dan il-jum hemm l-obbligu tas-smigħ tal-quddies. Nitolbu llum lil Alla li jagħmel li Malta żżomm sħiħ u bla mittiefes it-tagħlim li San Pawl tana bil-kliem u bl-eżempji tiegħu.

Din hija silta mid-diskors tal-Papa Ġwann Pawlu II – **Fosos tal-Furjana, 2001:** "Il-wasla tal-appostlu fuq ix-xtajta tagħkom kienet drammatika. San Luqa rrakkontalna l-vjaġġ fil-maltemp u kif il-baħħara u l-passiġġieri ma setgħu jagħmlu xejn hekk kif il-ġifen inkalja u beda jinqasam (ara Atti 27,39-44). U smajna b'liema mod inħelsu:

**"Meta ħlisna mill-għarqa, sirna nafu li l-gżira kien jisimha Malta."** (Atti 28,1) Fil-providenza ta' Alla, Malta kellha tħaddan l-Evanġelu fil-jiem bikrija tal-Kristjaneżmu. "Inroddu ħajr lill-Mulej għal tjubitu, għall-għeġubijiet tiegħu mal-bnedmin." (Salm 107,15). B'fedeltà lejn l-Appostlu Pawlu, missierkom fil-fidi, intom magħrufin mal-Knisja kollha għad-devozzjoni u l-ħeġġa missjunarja tagħkom. Malta għandha wirt Nisrani mill-akbar li tiegħu intom għandkom raġun tkunu kburin, imma dak il-wirt hu wkoll don li jitlob responsabbiltà kbira (ara Luqa 12,48).

San Pawl wasal Malta bħala priġunier fi triqtu lejn Ruma … Għal żewġ millennji bqajtu fidili lejn is-sejħa li ħarġet minn dik il-laqgħa singulari. Illum is-suċċessur ta' Pietru jixtieq iwettaqkom fl-istess fidi u jħeġġiġkom fl-ispirtu ta' tama u mħabba Nisranija.

*Ikompli f'paġna 3*

Jitlob biex, bħal missirijietkom, intom ukoll tagħtu frott tajjeb u bil-bosta. Siġar tajba jagħtu ħafna frott tajjeb (ara Mattew 12,33-35). Il-pożizzjoni ta' Malta fl-Ewropa u fil-Mediterran tagħmilha eredi, b'mod speċjali, ta' tradizzjoni kulturali sinjura, li l-qalb tagħha hi l-umaniżmu tal-Vanġelu. Għożżu s-sejħa Nisranija! Kunu kburin bil-wirt reliġjuż u kulturali! Ħarsu lejn il-ġejjieni b'tama u imxu b'ħeġġa ġdida biex tagħmlu dal-millennju ġdid żmien ta' solidarjetà u paċi, ta' mħabba għall-ħajja u rispett għall-ħolqien t'Alla." **TMIEM**.

---

## ***__Fil-Pjazza tar-Raħal.__***

Kont inbigħ il-ħut bil-vann darbtejn fil-ġimgħa, fil-pjazza tal-knisja. U għalkemm mhux minn hawn, in-nies drajthom sewwa u lil min ma kontx naf kont nistaqsi dwaru lil żewġi li kien mir-raħal. In-nies minn dejjem interessawni, mhux għax sindikajra, imma kont nieħu gost nara l-karattri differenti.

Niftakar, tlett irġiel u xi kultant erbgħa fuq bank. Kont niggustahom! Joey, Charlie, Manwel u xi kultant Pawlu magħhom. Tliet romol u ġuvni! Kollha kienu ħbieb antiki. Kienu qrib is-sebgħin sena jew qabżuhom! Joey, il-Kanadiż, ġie lura meta mititlu l-mara u rtira. Charlie u Manwel, it-tnejn kienu jaħdmu mal-Gvern qabel ma rtiraw, filwaqt li Pawlu kien ġuvni u kien moħħu fl-għalqa. Kien jingħaqad mal-klikka wara li tkun għamlet xi qabda xita l-ġurnata ta' qabel u l-għalqa tkun kollha tajn.

B'xagħru b'laqta żebgħa sewda, u bin-nokklu (naqra ħafif) stil Elvis, Joey kien aktar riservat, għalkemm dħuli. Charlie u Manwel, tipiċi ħaddiema tal-Gvern, wieħed kemxejn oħxon, wiċċu ruxxan bin-nuccali u bi tbissima dejjem lesta fuq xufftejh. L-ieħor statura normali, għajnejh ħodor u dejjem bil-gazzetta taħt dirajgħ. Pawlu, il-ġuvni, kien l-iżgħar, samrani, gustuż, b'għajnejh suwed u tbissima ħelwa għalkemm kien mistħi. Imma minn taħt l-ilsien kien dejjem joħroġ b'xi waħda u tismagħhom kollha jfaqqgħu d-daħq.

Kienu jmorru għall-kafe'. L-ewwel fil-ħanut ta' faċċata, u wara li jimlew żaqqhom bil-pastizzi jew ftajjar, dejjem jekk jippermettilhom it-test tal-kolesterol, kienu jiġu jgħaddu l-ħin fuq il-bank jiddiskutu l-aħbarijiet. Min miet u kif, u fl-aħħar iħarsu lejn it-turisti deħlin jaraw il-knisja. Mhux dejjem kien ikolli ċans inkellimhom jew minn wara l-vann nisma' xi ċajta minn tagħhom.

*Ikompli f'paġna 4*